# Il-Ħadd 13.03.2022

1. It-Tnejn 14/03:
   - Fit-8:00pm - Laqgħa tal-Kummissjoni Kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.

2. L-Erbgħa 16/03:
   - F'għeluq ix-xahar mill-mewt ta' Dun Karm Zammit, il-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta ser torganizza quddiesa speċjali għal ruħu fis-6:00pm. Kulħadd mistieden.

3. Il-Ħamis 17/03:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru r-Redentur tal-Bażilika tal-Isla fejn ikollna Quddiesa, u wara Coffee Morning. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

4. Il-Ħamis 17/03: (u mhux l-Erbgħa, għal din il-ġimgħa biss)
   - Mis-7:00pm sas-7:30pm: It-Tieni laqgħa tal-**Eżerċizzi għal Kulħadd** li qed ikunu mmexxija mill-Kappillan u jsiru fil-knisja parrokkjali. ***Tixxandar ukoll permezz tal-live streaming fuq il-facebookpage tal-parroċċa.***

5. Is-Sibt 19/03, **Solennità ta' San Ġużepp, ir-Raġel ta' Marija, Omm Alla**:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha nroddu ħajr lil Alla u lis-Superjur Jonathan Brincat fi tmiem il-ħidma tiegħu fil-Qasam tal-MUSEUM fi ħdan il-Parroċċa tagħna, filwaqt li nilqgħu wkoll lis-Superjur Andrew Barbara.

6. It-Tnejn 21/03:
   - Fis-7:15pm: Laqgħa għall-Ġenituri tat-tfal li se jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina din is-sena dwar il-Qrar. Din ser issir fil-Knisja Parrokkjali.

7. Avviżi oħra:
   - Matul din il-ġimgħa (14 sa 18/03) l-katekisti tal-Museum Bniet ser ikunu qed jattendu l-Eżerċizzi spiritwali għalihom u b'hekk mhux ser ikun hemm lezzjonijiet tal-katekiżmu għall-bniet matul din il-ġimgħa.
   - Il-Ġimgħa 18/03: Fis-6:00pm - Fil-Katidral ta' San Pawl, l-Imdina, quddiesa ta' radd il-ħajr minn Mons. Alessandro D'Errico, Nunzju Appostoliku tas-Santa Sede għal Malta, fi tmiem il-ħidma tiegħu fostna. Kulħadd mistieden.
   - **B'rabta maż-Żjara tal-Papa**, speċjalment għall-quddiesa ta' fuq il-Fosos tal-Furjana tal-Ħadd 3/04 fl-10:15am:
     - **a. Sejħa urġenti għall-Ushers**.
       Kull min hu interessat jista' japplika fuq il-link: *https://papafrangisku.mt/ushers*
     - **b. Reġistrazzjoni għall-pubbliku biex jattendi**
       Min jixtieq li jkollu post bilqiegħda għandu jirreġistra fuq: *https://papafrangisku.mt/quddiesa*.
       Min ikollu xi diffikultà biex jagħmel dan javviċinana.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 150 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti tar-restawr;
   - € 195 bħala donazzjoni b'risq l-istess għan;
   - € 550 (b'kollox € 700) bħala donazzjonijiet b'risq il-poplu tal-Ukrajna.

   Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjonijiet tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points, illum jgħoddu bħala ġabra speċjali b'risq is-Seminarju**.
   Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.

9. Nitolbu għal Joseph Magri li għadda għal ħajja ta' dejjem. Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ...